MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Numru 285/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROLAND CASSAR**

**VS**

**LAWRENCE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Lawrence Agius, ta’ 41 sena, bin Nazzareno u Mary nee’ Galea, imwieled gewwa tal-Pieta’, nhar it-30 ta’ Novembru, 1962, u residenti fil-fond numru 2, Triq Nazzareno, Hamrun, u/jew fl-Isptar Monte Carmeli, Attard, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 715262 (M);

Akkuzat talli nhar it-2 ta’ April, 2004, ghall-habta tal-10.30pm, gewwa l-Hamrun, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ ommu Mary Agius f’periklu car,

were dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'permezz ta' strument li jaqta' jew li jnizzeg u cioe' sikkina, taha daqqiet lejn il-parti vitali tal-gisem tal-imsemmjia Mary Agius, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

U wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'permess ta' stument u cioe' sikkina, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Mary Agius, liema offiza ser iggib sfregju permanenti fil-ghonq u l-id, skond kif gie iccertifikat minn Dr Fernando Pisani MD ta' SLH.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi mputat Lawrence Agius hati tal-akkuzi dedotti kontrieh, u dan peress illi l-imputat kien fi stat ta' genn waqt l-incident mertu tal-kaz in esami, *ai termini* tal-Artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Tiddikkjara ghalhekk li l-imputat kien fi stat ta' genn waqt li kien fis-sehh id-delitt in esami.

Wara li rat l-Artikoli 525(3) u 623 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tordna li l-imputat jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmeli, biex hemmhekk jibqa' taht kustodja u kura u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Kapitolu 262 tal-Ligijiet ta' Malta jew kull disposizzjoni ohra ta' Ligi jew leglislazzjoni applikabbli ghall-kaz, u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-imputat skond dan, b'dan illi t-tabib kuranti tieghu jkollu l-fakolta' jindirizza din il-kura u jaghti kull ordni u struzzjoni ghal dan il-ghan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------